MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2012

Numru 144/2011

Il-Pulizija
(Spettur Keith Arnaud)

vs

Omar Psaila

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 225881(M), akkuzat talli nhar it-28 ta’ Settembru 2009 u/jew fix-xhur ta’ qabel din id-data, gewwa r-residenza tieghu fil-Mosta u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer:

1. zamm f’xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu, xi armi tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II

tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, minghajr ma kellu licenzja taht l-istess Att;

2. fl-istess perjodu ta' zmien, wara li akkwista jew gew f'idu xi armi tan-nar, jew munizzjon xort'ohra milli ghax kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, naqas li minnufih javza lill-istess Kummissarju;

3. fl-istess perjodu ta' zmien, xjentement f'Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti;

4. fit-28 ta' Settembru 2009, u/jew fix-xhur ta' qabel, xjentement laqa' ghandu, zamm jew heba' jew xjentement halla jew ittollera, jew gieghel jew fittex li jigi milqugh, mizmum jew mohbija arma tan-nar, Pump Action Long Rifle tal-marka Amadeo Rossi kalibru .22 bin-numru tas-serje G74849, liema arma instabet wara ntervent u tfittxija li saret minn ufficjali tal-pulizija gewwa Had-Dingli fit-28 ta' Settembru 2009, u talli wkoll fl-istess zmien u cirkostanzi, xjentement b'xi mod iddispona mill-istess rifle, u dan bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern minn dazju li jkun imiss jithallas fuqu jew biex jinheles minn xi projbizzjoni jew limitazzjoni dwar dan ir-rifle, li l-importazzjoni u l-pussess tieghu huwa pprojbit u/jew ristrett, ghandu valur totali ta' €100.00c, dazju dovut ta' €3.20c, u wkoll taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) li tammonta ghal €18.58c, fejn liema taxxa ma kienetx giet imhallsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur ta' l-artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att numru XXIII ta' l-1998)

5. fit-28 ta' Settembru 2009, u/jew fix-xhur ta' qabel, xjentement laqa' ghandu, zamm jew heba jew xjentement halla jew ittollera jew gieghel jew fittex li jigi milqugha, mizmuma jew mohbija arma tan-nar, Pump Action Long Rifle tal-marka Amadeo Rossi kalibru .22 bin-numru tas-serje G74849, liema arma instabet wara ntervent u tfittxija li saret minn ufficjali tal-pulizija gewwa Had Dingli fit-28 ta' Settembru 2009, u talli wkoll fl-istess zmien u cirkostanzi, xjentement b'xi mod iddispona mill-istess rifle, u dan bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern minn dazju li jkun imiss jithallas

fuqu jew biex jinheles minn xi projbizzjoni jew limitazzjoni dwar dan ir-rifle, li l-importazzjoni u l-pussess tieghu huwa pprojbit u/jew ristrett, ghandu valur totali ta’ €100.00c, dazju dovut ta’ €3.20c, u dan bi ksur ta’ l-artikoli 60 (b) (k), 62 (a) (f) (g) (h) (i) (k), paragrafu (a) tal-provisio ta’ l-artikolu 62 ta’ l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. ikkommetta reat ta’ natura volontarja li ghalih hemm kontemplat piena ta’ prigunerija, fil-perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni, ai termini ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, imposta fuqu b’sentenza datata it-23 ta’ Gunju 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Doreen Clarke LL.D, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

7. rrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li kien gie misjub hati b’sentenzi moghtija mill-qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluz it-talba tal-Kummissarju tal-VAT u l-Kontrollur tad-Dwana.

Semghet lill-imputat f’din l-udjenza jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

Illi fuq skorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat l-akkuzi huma pruvati. L-addebiti huma, fost ohrajn, il-ksur tal-Ordinanza tad-Dwana u l-Att dwar il-Valur Mizjud b’dan li japplika l-Artikolu 61(2) tal-Ordinanza, ossija, il-Kap 37.

Wara li rat l-Artikolu 60(b)(k), 62(a)(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-proviso ta’ l-Artikolu 62 Kap 37, l-Artikolu 80 Kap 406 u l-Artikolu 22 Kap 446, kif ukoll l-Artikolu 49, 50 u 17 tal-Kap 9, tikkundannah multa ta’ 700 Ewro li tawtorizza li

tithallas f'rati mensili ta' 100 Ewro kull l-ahhar ta' kull xahar konsekuttivament, l-ewwel pagament zmien sal-ahhar ta' Lulju, bid-dekadenza fin-nuqqas, konvertibbli l-ammont jew kull bilanc f'prigunerija skond il-ligi.

Tordna l-konfiska.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu b'din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------